



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Settembru 2024
(OR. en)

12520/24
ADD 1
LIMITE
PV CONS 44
RELEX 1031

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
22 ta' Lulju 2024

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Ġrajjet kurrenti

Il-Kunsill indirizza d-diplomazija diġitali

4. L-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna¹

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-rispons tal-UE fir-rigward tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

5. Is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-rispons tal-UE għas-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani.

6. Affarijiet oħra

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja (dokument 12387/24) rigward id-deċiżjoni tagħha li tieqaf tirrikonoxxi dokumenti tal-ivvjaġġar mhux bijometriċi maħruġa mill-Federazzjoni Russa mill-15 ta' Lulju 2024, mill-Italja (dokument 12480/24) fisem AT, CY, CZ, EL, HR, SI, u SK dwar l-importanza li tiġi rieżaminata l-politika tal-UE dwar is-Sirja u li jiġu kkunsidrati mill-ġdid il-kundizzjonijiet għar-ritorn tar-refuġjati, mill-Polonja (dokument 12405/24) dwar l-inizjattiva tagħha għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet transatlantiċi billi tingħata spinta lill-komunikazzjoni strateġika tal-UE mal-Istati Uniti fil-kuntest tal-elezzjonijiet li ġejjin u minn Ċipru (dokument 12477/24) rigward is-summit reċenti tal-Organizzazzjoni tal-Istati Turkiċi.

¹ Inkluż skambju informali ta' fehmiet mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna (permezz ta' vidjokonferenza)

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 11443/1/24 REV 1

Dwar il-punt "A" **Pont għal Busan: Dikjarazzjoni dwar il-Polimeri Primarji tal-Plastik**
nru 29: *Awtorizzazzjoni biex jiġi ffirmat strument mhux vinkolanti*

DIKJARAZZJONI MIĊ-ĊEKJA

"Filwaqt li ċ-Ċekja tappoġġa bis-sħiħ il-konklużjoni ta' strument internazzjonali ambizzjuż dwar it-tniġġis mill-plastik, kwalunkwe dispożizzjoni legalment vinkolanti trid tkun prattikabbli u implimentabbli u, preferibbilment, tkun ibbażata fuq inizjattivi eżistenti tal-Unjoni.

F'dan il-kuntest, nixtiequ nesprimu t-tħassib tagħna rigward il-formulazzjoni tad-Dikjarazzjoni "Pont għal Busan" li fl-aħħar paragrafu tagħha tirreferi għall-iffriżar jew ir-restrizzjoni tal-produzzjoni tal-polimeri primarji tal-plastik. Miżuri bħal dawn mingħajr valutazzjoni bir-reqqa jista' jkollhom implikazzjonijiet legali u prattiċi profondi. Nixtiequ nappellaw lill-Presidenza u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw dan fin-negozjati li ġejjin."

Dwar il-punt "A" **Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali**
nru 31: **bil-Ferrovija (OTIF) - ittra f'isem l-UE u l-Istati Membri tagħha bi**
 tweġiba għall-applikazzjoni taċ-Ċina għall-adeżjoni mal-OTIF bħala
 Membru Assoċjat
 Approvazzjoni ta' ittra

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Ir-Repubblika Slovakka tapprezza l-isforzi li saru mill-Presidenza u mill-Kummissjoni fit-tfittxija għal kunsens fil-Kunsill dwar ir-reazzjoni tal-UE għan-Notifika Depożitarja mis-Segretarju Ġenerali tal-OTIF dwar l-applikazzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-adeżjoni mal-OTIF bħala Membru Assoċjat.

Huwa għall-fini li tinżamm l-unità u fi spirtu kostruttiv li aħna nappoġġaw l-approċċ komuni tal-UE u l-ittra proposta li tesprimi oġġezzjoni bl-għan li jiġi akkwistat aktar żmien biex issir konsultazzjoni, valutazzjoni u riflessjoni dwar il-merti tal-applikazzjoni.

Napprezzaw il-fatt li l-ittra tinkludi referenza li hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni futura tal-UE u tal-Istati Membri tagħha dwar id-deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Assemblea Ġenerali tal-OTIF. Ir-Repubblika Slovakka tara potenzjal sinifikanti fis-sħubija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fl-OTIF, li hija wkoll konformi mal-istrateġija fit-tul tal-OTIF. Abbażi tal-informazzjoni li attwalment għandna disponibbli, m'aħniex beħsiebna noġġezzjonaw għall-applikazzjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina biex issir Membru Assoċjat tal-OTIF."
